VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,466, 21 ta' Awwissu, 2015
Taqsima B

A.L. 268 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2015 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2014 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Music – D.Mus.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75(3) u 79(b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2015 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2014 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Music – D.Mus., u għandom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2014 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Music – D.Mus., ippubblikati bħala Avviż Legali 95 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu bħala "r-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mit-8 ta' Mejju, 2015 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok is-sottoparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(ii) jagħtu esibizzjoni finali li għandha tikkonsisti jew minn kunċert *solo* jew *concerto* ma' orkestra. L-esibizzjoni finali għandha ssir lejn it-tmiem tas-sena finali ta' studju; u"

L-Emenda għar-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok ir-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"24. (1) Wara li l-*portfolio*, in-noti tal-programm u d-dissertazzjoni jiġu approvati, l-istudent għandu jissottomettihom f'forma b'legatura iebsa, u f'verżjoni elettronika li għandha tinżamm fil-Librerija tal-Università, fi żmien ta' mhux aktar minn sitt ġimgħat minn meta jkun sar l-eżami *viva voce*.

(2) F'konformità mal-Politika tar-Repożitorju Istituzzjonali tal-Università ta' Malta, il-Librerija tal-Università għandha tipprovdi aċċess miftuħ għall-kopji elettroniċi tad-dissertazzjoni u d-dokumenti l-oħra ppreżentati għall-Grad u għandha tagħmilhom disponibbli għall-pubbliku fuq ir-Repożitorju Istituzzjonali tal-Università ta' Malta."